MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tad-9 ta' April, 2008

Appell Civili Numru. 310/2002/1

**Untours Insurance Agents Ltd ghal Qatar Insurance Company kif surrogati fid-drittijiet ta’ Anthony J. Bonello u l-istess Anthony J. Bonello**

**vs**

**John Micallef**

**Il-Qorti,**

Fit-23 ta’ Mejju, 2007, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **“**Il-Qorti,
>
> Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici nomine et talbu sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kkundannat li jhallas lill Untours Insurance Agents Ltd noe s-somma ta’ Lm2740.24c u b’digriet tal-24 ta’ Marzu 2003 l-

ammont ta’ Lm2740.24 jizded b’Lm228.55 u lil Anthony J Bonello s-somma ta’ Lm25 danni subiti in segwitu ghal incident stradali li sehh fit-30 ta’Gunju 2001 f’H’Attard bejn car VW Polo nru CBF 185 misjuqa minn Jonathan Bonello assikurata b’polza comprehensive mal-Untours Insurance Agents Ltd noe u vettura KIA nru AAL 715 misjuqa mill-konvenut – prevja dikjarazzjoni li l-konvenut kien responsabbli ghall-incident minhabba mprudenza, negligenza, imperizja u inosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tad-data tal-avviz ai termini tal-Kap 103 u bl-imghax minn notifika tal-avviz kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat kif ukoll l-annessi dokumenti a fol 12 sa fol 15 tal-atti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijeit tal-istess konvenut (a fol 22 ibid) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. It-talba tal-atturi ghandha tkun respinta billi l-incident awtomobilistiku de quo ma garax b’tort tal-eccipjent izda gara unikament bi htija ta’ Jonathan Bonello xufier tal-vettura Nru. CBF 185.
2. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment dak verbalizzat a fol 29 ibid.

Semghet it-trattazjoni da parti tal-konvenut.

Ikkunsidrat

Illi, kif jidher a fol 34 et seq ibid, xehed l-Ufficjal tal-pulizija li investiga dan il-kaz liema xhud esebixxa, ukoll, <u>kopja tar-rapport u tal-iskizz skalat</u>, relattivi ghal dan l-incident, li sehh ftit ta’ distanza l-fuq mic-cimiterju ta’ Casal Attard. Mill-istess skizz wiehed jista’ jara <u>z-zewg vetturi</u>

involuti f'dan l-incident cjoe dik bin-numru AAL 715 li kienet misjuqa mill-konvenut bi hsara fuq in-naha tal-lemin taghha kif ukoll mahbuta fuq wara, ma' hajt ta' Villa Brunswick kif ukoll l-ohra bin-numru CBF 185 misjuqa minn Jonathan Bonello, angolata u tmiss mal-linja medjana kontinwa fuq l-istess triq u bi hsarat fuq il-lemin fuq quddiem nett. Inotlre mill-istess rapport a fol 39 ibid jidher li l-konvenut kien stqarr 'a caldo' li hu "was coming down and the other vehicle came round the curve and collided" waqt li Jonathan Bonello kien, ukoll, stqarr 'a caldo' illi "was turning the curve and the other vehicle came straight into my vehicle and ended up on the (o)ther side of the road". Fil-fatt din il-kurva ma hiex murija ghal kollox fuq l-iskizz izda hemm evidenza taghha fin-naha ta' fuq, fuq ix-xellug tal-istess skizz.

Illi meta xehed Jonathan Bonello bin l-attur (fol 53 et seq ibid). Hu spjega illi ".. kont ksirt …. sabiex nidhol ghal Valletta Road" u "kif gejt ghad-dritt nara 'van' gej fuq il-'lane tieghi", liema 'van' habat mieghu u "… qaleb ghan-naha l-ohra". Hawnhekk hu wiegeb, ghal domanda  tal-istess Qorti illi "…. Qbist ftit ftit il-linja medjana tat-triq" "…. Minhabba d-daqqa li tani". Inoltre dwar dan il-punt tal-ahhar, hu qabel mal-fatt illi "l-liwja illi kont ghaddej minnha taqleb lejn il-lemin", liema liwja ossija kurva kien darha fuq it-"third gear". Xorta wahda hu sostna illi l-incident in esami gara meta l-vettura tieghu kienet ghad-dritt.

Ikkunsidrat

Illi, da parti tal-konvenut (fol 57 sa fol 59 ibid), dan xehed li kien qed jsuq fit-triq in kwistjoni sabiex minn din johrog fit-triq principali. Kif kien niezel ghad-dritt fuq in-naha tax-xellug tal-istess triq, hu ra lill-vettura l-ohra tiela' mit-triq principali u ddur ma kantuniera (l-imsemmija liwja ossija kurva). Hawnhekk, hu qal "Kif dar (b'referenza ghal Jonathan Bonello) din il-kisra … l-iehor kiser il-

linja bajda kontinwa illi hemm fin-nofs 'tat-triq' u 'Ghalhekk gie ftit fuq in-naha tieghi'.

Ikkunsidrat

Illi mill-provi kif hemm fuq esposti jdiher illi r-responsabilita' ta' dan l-incident ghandha tigi akkollata lill-istess Jonathan Bonello. Difatti jidher mill-istess skizz illi dan is-sewwieq, wara li dar ma' dik il-kantuniera ossija kurva msemmija, kien mar oltre, anke jekk bi ftit il-linja medjana kontinwa fuq l-istess triq u dan minhabba li probabilment dar mal-istess liwja minghajr id-debita kawtela specjalment in rigward l-velocita' tieghu.

Difatti ma hux rakkommandabbli illi sewwieq jdur ma' kurva bhal din fuq it-"third gear" in vista li, minhabba hekk, jista' jmur oltre l-imsemmija liwja medjana tat-triq u jikkaguna habta, bhal ma gara f'dan il-kaz.

Illi, ghalhekk, in vista li jidher li dan il-kaz kien kawza ta' sewqan imprudenti da parti ta' Jonathan Bonello wahdu it-talbiet attrici ma jistghux jigu akkolti.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tichad it-talbiet attrici bl-ispejjes jithallsu mill-istess socjeta attrici nomine et. "

L-aggravji ta' l-atturi appellanti fil-kontestazzjoni ta' din is-sentenza sostanzjalment jikkonsistu fis-sottomissjonijiet li jsegwu. L-ewwel Qorti ghamlet evalwazzjoni errata tal-kollizjoni li sehhet u qieset b' mod ghal kollox zbaljat ir-rizultanzi li johorgu mill-iskizz. Huma jikkwerelaw il-motivazzjoni tas-sentenza riferibilment ghal konsiderazzjoni fejn l-ewwel Qorti ccensurat is-sewqan ta' Jonathan Bonello ghax dan dar il-liwja fuq it-*third gear*. Jissottomettu, inoltre, illi l-iskizz huwa korrobotrattiv tat-tezi taghhom illi kien il-konvenut li invada l-karreggjata

transitata mill-vettura misjuqa mill-imsemmi Jonathan Bonello;

Il-Qorti jidhrilha opportun illi qabel ma tinvesti dawn l-aggravji tirregistra dawn l-osservazzjonijiet. Il-wahda ta' indoli sostantiva, l-ohra, procedurali:

(1) F' materja ta' incidenti stradali ma jezistu ebda assolutizmi. Hekk, ad ezempju, mhux bilfors li ghax wiehed ikun qed idur kurva fuq it-*third gear* jew ghax l-impatt isir bejn zewg vetturi, il-wahda pezanti u ta' daqs differenti mill-ohra, u l-wahda tigi spostata bl-istess daqqa dan ghandu, ghal dik ir-raguni, jitqies xi fatt deciziv ghal habta li tissucciedi. Fir-rikostruzzjoni tad-dinamika ta' incident u l-aktar dak tar-ricerka tal-kawza prossima ta' l-iskontru, hu dejjem mistenni li wiehed jikkonsidra, fil-kumpless, ic-cirkostanzi l-ohra kollha tal-mument ghax dawn, akkoppjat ma' dak il-fattur l-iehor singolat, jistghu jghinu biex jigi determinat jekk is-sewwieqa involuti ottemperawx ruhhom ma' l-osservanzi tas-sewqan garbat u tal-prudenza komuni;

(2) Hu, imbaghad, principju procedurali ben assodat fil-gurisprudenza illi meta l-Qorti ta' l-ewwel grad tkun uzat id-diskrezzjoni taghha fl-allokazzjoni tad-dannu a karigu ta' xi wiehed mill-konducenti, jew, anke, tat-tnejn, din il-Qorti ta' revizjoni, bhala regola, ma tiddisturbax dik id-diskrezzjoni, ammenokke ma jkunx jidher car illi jezistu motivi ta' certa gravita. Ara f' dan is-sens "**Cristino Zahra -vs- Raymond Ashley**", Appell Civili, 24 ta' Gunju, 1960; Jikkompeti allura lil din il-Qorti, fuq l-appell devolut lilha, li tezamina jekk fil-fattispeci tal-kaz prezenti jezistux dawn il-motivi ta' portata hekk serja u gravi li kapaci jinducuha tissostitwixxi d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti b' dik taghha;

Mill-posizzjoni assunta miz-zewg sewwieqa l-htija ghall-iskontru ghandha tigi akkollata wiehed lill-iehor. Naturalment, billi hi dejjem kwestjoni ta' fatt min verament kien il-kagun tad-dannu, il-Qorti riedet tezamina jekk il-wiehed jew l-iehor kellhomx iwiegbu ghall-hsarat jew

ghandhomx jinzammu responsabbli t-tnejn li huma. F' dan l-ahhar kaz, imbaghad, f' liema proporzjon ghandha tigi spartita l-hsara;

Il-prova tal-fatt dwar dan l-incident, apparti, s' intendi, l-inferenzi li jistghu jingibdu *ex-post* il-habta, huma sostanzjalment dak li jirrizulta mix-xhieda taz-zewg *drivers* u mill-iskizz ippreparat mis-Surgent PS 1043 Frank Pace li investiga l-kollizjoni. Dan ta' l-ahhar ghandu valur importanti ghaliex jikkostitwixxi *actu* dak li s-Surgent ikun ikkonstata *de visu* meta acceda fuq il-post ta' l-incident;

Mill-assjem ta' dawn ix-xehdiet u ta' l-iskizz, li dwarhom issoffermat ukoll l-ewwel Qorti u mhux il-kaz allura li toqghod tirreplikahom, hi wkoll il-fehma radikata ta' din il-Qorti illi ghall-incident ghandu jwiegeb esklussivament is-sewwieq Jonathan Bonello. Fir-rigward il-Qorti qed taghmel ir-riflessjonijiet segwenti:-

(1) *In primis*, din il-Qorti ma thosshiex sodisfatta mill-ispjegazzjoni tas-sewwieq imsemmi illi qabel ma beda jdur il-liwja huwa kien waqaf (ara deposizzjoni tieghu a fol. 53). Pjuttost, l-invers hu l-kaz. Huwa baqa' ghaddej bl-istess *speed*, anke jekk fuq it-*third gear*, li kien qed isuq bih qabel ma qabad il-liwja u fi kliemu stess "x' hin gejt ghad-dritt sibtu ma' wicci". B' din il-manuvra tieghu inonda, anke jekk bi ftit, il-karreggjata li fiha kienet qed tinsaq il-vettura tal-konvenut, kemm ghaliex din l-istess vettura ma waqqghetx habta u sabta tant li l-istess Jonathan Bonello jistqarr li hu anke innotaha sekondi qabel. Ghall-Qorti dan kollu jfisser illi hu ma kienx alert bizzejjed ghal dak kollu li kien qed jigri madwaru u jekk deherlu li seta' jkompli jsuq bl-istess *speed* u *gear* meta gie biex jaqbad il-liwja kien certament fl-obbligu tieghu, li jaccerta ruhu li seta' jtemm dik il-manuvra inkonsulta tieghu bla hsara ghal utenti ohra. Hi din il-prudenza ordinarja li kienet mistennija minnu ghall-evitar ta' l-incident;

(2) Issa huwa veru li l-iskizz jillustra l-posizzjoni tal-vettura ta' l-imsemmi Bonello razenti l-linja medjana tat-triq. Daqstant iehor, pero`, huwa veru wkoll illi, kif ammess minnu, huwa invada qabel il-habta z-zona tat-traffiku transitata f' dak il-hin mill-konvenut, anke jekk kieku stess dan, f' dak il-mument, kien qed isuq ihokk ma' l-istess linja medjana, pero` fuq in-naha tal-karreggjata tieghu;

(3) Ghall-Qorti, imbaghad, jassumu sinjifikat bosta n-natura tad-daqqiet fuq il-vettura tal-konvenut - bejn it-*tyre* ta' wara u dak ta' quddiem - komparat ma' dawk fuq il-vettura misjuqa minn Jonathan Bonello - bejn il-*mudguard* ta' quddiem tan-naha tal-lemin u l-faccata. Ghall-Qorti l-interpretazzjoni li tohrog minnhom hi dik li kienet il-*car* tal-konvenut li ssubiet id-daqqa u mhux *vice-versa*. Daqstant iehor hi rilevanti l-posizzjoni tal-vetturi wara l-habta in kwantu, fil-fehma tal-Qorti, jidher li d-daqqa ssorprendiet mhux ftit lill-konvenut, minhabba l-forza ta' l-impatt, kemm ukoll ghall-fatt illi mal-habta huwa tilef momentarjament il-kontroll tal-vettura tieghu meta din, bid-daqqa, iggembet fuq iz-zewg roti biss u spiccat in-naha l-ohra tat-triq;

(4) Dan premess, huwa pacifikament accettat illi l-infrazzjoni da parti ta' sewwieq wiehed ma tiddispensax lill-Qorti milli tivverifika anke il-kondotta tas-sewqan tal-konducent l-iehor. Dan ghal fini li tistabilixxi jekk, in rapport ghas-sitwazzjoni tal-fatt accertat, kienx jissussisti l-konkors ta' xi kolpa tieghu fid-determinazzjoni ta' l-event dannuz. Fil-hsieb tal-Qorti, fuq l-analisi taghha tal-provi, dawn ma jwasslux fil-konkret illi kien hemm xi inadempjenza f' ebda regolament fis-sewqan da parti tal-konvenut ghar-rigward tal-posizzjoni tal-vettura tieghu qabel il-habta u ta' xi sewqan imprudenti. Lanqas li dan naqas milli juniforma ruhu ghan-normi tat-traffiku stradali u tar-regoli tal-prudenza komuni. Apparti li l-atturi appellanti naqsu milli konkludentement jipprovaw xi "*error of judgement*" fil-konvenut, lanqas allura ma jistghu jirriklamaw il-harsien tal-ligi in linea ta' xi negligenza kontributorja da parti ta' dan. F' dawk ic-cirkustanzi kollha, il-Qorti ma tarax li hu l-kaz li tiddisturba l-ezercizzju

tad-diskrezzjoni maghmul mill-ewwel Qorti u ser tghaddi biex tirrespingi l-appell.

Ghal dawn il-motivi kollha l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata, ikkonfermata, bl-ispejjez ta’ din l-istanza kontra l-atturi appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------